*Wara li ġew ippubblikati l-ewwel u tieni partijiet ta' din ir-rubrika nteressanti fl-annwal tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard fl-2004 u fl-2006, ser inkomplu bit-tielet parti din is-sena fejn ser nibdew mill-1892 sa l-1900. Nixtiequ nirrimarkaw li ħadd ma għandu jippretendi li ser isib il-ħidma tal-baned kollha li issa kienu żdiedu ġmielhom. Huwa fatt ukoll li xi baned ftit li xejn kienu jħabblu rashom jibgħatu tagħrif lill-ġurnali, waqt li oħrajn ma kienux jonqsu li jibgħatu u naturalment isibu appoġġ għall-pubblikazzjoni. Ħaġa li mis-snin tletin bdew jiġu ppubblikati programmi f'xi ktejjeb mill-istess każini jew istituzzjonijiet festivi. Dawn illum saru kotba ta' nteress, imżewqa bir-ritratti u mimlija bil-messaġġi uffiċjali, b'tagħrif dwar il-ħidma u programmi mużikali kif ukoll tagħrif storiku marbut mal-baned, il-festi u l-knejjes tagħna. Dawn jiffurmaw il-ġrajja għal quddiem. Nifhmu li r-referenzi tagħna li ġbarna jkunu ta' għajnuna fit-tiftix għal aktar tagħrif dwar ġrajjet il-baned tagħna - l-awtur Lorenzo Zahra.*

# Mużika u Baned

*(It-tielet parti)*

**kitba u riċerka Lorenzo ZAHRA**

## 1892

- Il-Banda La Vallette b'marċ ta' lealtà lill-Gvernatur. (Giornale di Malta, 16/02).
- Il-Banda Alleanza ta' Birkirkara diretta minn Tumas Galea fil-festi fir-Rabat, mal-Baned Konti Ruġġieru u L'Isle Adam tar-Rabat. Banda ġdida La Stella f'Birkirkara. (Giornale di Malta, 15/04).
- Il-Banda Konti Ruġġieru ddoqq li *Stabat Mater* fis-Saqqajja diretta mis-Surmast Xuereb. (Pub. Op., 21/04).
- Il-Banda S. Ġorġ ta' Abela Farrugia fil-festa ta' Santu Kruċ meta kien hemm ukoll il-baned militari *Royal Irish Rifles* u *Royal West Surrey* fi Pjazza S. Margerita. (Pub. Op., 30/04).
- Il-Banda tal-Birgu Duke of Edinburgh u dik tal-Grazzja fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żabbar. (Malta, 01/07).
- Il-Banda S. Ġorġ ta' Bormla bi programm fi Pjazza Santa Margerita. (Malta, 08/07).
- Il-Banda La Stella ta' Għawdex fil-Birgu taħt is-Surmast A. Agius. (Malta, 14/07).
- Il-Banda S. Ġorġ iddoqq fuq il-moll ta' Birżebbuġa, u ddoqq ukoll il-Banda Cavalieri di Malta fi Pjazza S. Ġorġ fil-Belt. (Malta, 05/07).
- Inawgurazzjoni tal-Monument tal-Papa Piju V fuq Putirjal. Ħadu sehem il-Baned Prince of Wales, La Vallette, Duke of Edinburgh tal-Birgu u La Stella ta' Birkirkara. (Malta, 26/07 u l-Malta Times, 29/07).
- Il-Banda S. Ġorġ ta' Bormla fil-festa ta' S. Ġużepp fil-Furjana. (Malta, 29/07).
- Il-Banda Duke of Edinburgh fit-3 u l-4 t'Awwissu għall-festa ta' S. Duminku fil-Belt. (Malta, 02/08).
- Il-Banda Prince of Wales issa tinsab fil-każin fi 39, Strada Vescovo. (Malta, 11/08).
- Fil-festa ta' S. Lawrenz mużika ta' Malfeggiani. Il-Kan. Fenech jinawgura bċejjeċ ġodda ta' mużika fil-Birgu. (Malta, 17/08).
- Fil-festa ta' Stella Maris kien hemm dawn il-baned: Unione u S. Andrija ta' Ħal Luqa, San Ġorġ ta' Bormla, Cavalieri di Malta. (Malta, 19/08).
- Il-Banda La Vallette ddoqq fil-Barrakka ta' Fuq. (Malta, 26/08).
- Il-Banda Cavalieri di Malta taħt is-Surmast Camilleri f'Għar id-Dud. (Malta, 27/08).
- Il-Banda L'Isle Adam fil-festa ta' San Bert fil-Għargħur. (Malta, 29/08).
- Fil-festa ta' San Ġiljan kien hemm il-baned Birkirkara, Żebbuġ u Cavalieri di Malta. (Malta, 01/09).
- Fis-7 u 8 ta' Settembru fl-Isla, il-Banda S. Filippu ta' Ħaż-Żebbuġ diretta minn Giak. Galea, d-Duke of Edinburgh tal-Birgu diretta minn Mro. Gaet. Grech. (Malta, 06/09).
- Fil-festa Nazzjonali ħadu sehem iż-żewġ Baned tal-Belt u Cavalieri di Malta. (Malta, 09/09).
- Il-Banda S. Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt is-Surmast Ant. Agius fil-festa fl-Isla. (Malta Times, 06/09).
- Il-Banda La Vittoriosa fil-festi ta' S. Duminku fil-Birgu f'idejn G .Grech. Kien hemm ukoll il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu li għal tlett ijiem ħadet sehem. (Malta, 13 u 14/09).
- Il-Banda La Vittoriosa tidher l-ewwel darba fil-festa ta' S. Duminku tal-Birgu bid-direttur Lorenzo Grima. Kien hemm kor ta' tfal ikantaw l-Innu. (Giornale di Malta, 21 u 24 /09).
- Għall-festa ta' S. Duminku fil-Birgu kien hemm il-Baned La Vallette, id-Duke of Edinburgh u oħrajn. (Malta, 24/09).
- Il-Banda La Pace tan-Naxxar diretta minn Miruzzi f'San Pawl il-Baħar. (Malta Times, 30/09).

- Il-Banda Prince of Wales fi Pjazza S. Ġorġ fil-Belt fid-9 u 10 t'Ottubru meta kienet diretta mis-Surmast C. Abela Farrugia. (Malta, 08/10).
- Il-Banda L'Isle Adam iddoqq fuq is-Saqqajja taħt Mro. Camilleri. (Malta, 20/10).
- Il-Banda La Vallette fi Pjazza S. Ġorġ fis-27 ta' Novembru. (Malta, 26/11).
- Il-bandisti tal-Banda S. Ġorġ ta' Bormla b'uniformi ġdida. (Ordine, 03/12).
- Iż-żewġ Baned Qormin idoqqu f'Ħal-Qormi b'dik ta' Pinto f'idejn is-Surmast Andrea Abela. (Il-Ħabbar Kattoliku, 20/12).

## 1893

- Kunċert ta' mużika sagra fil-*Union Club* diretta mis-Surmast Paolino Vassallo. (Vessillo Cattolico, 05/01).
- Il-Banda S. Ġorġ ta' Bormla fuq il-Fosos fil-Furjana. (Malta, 14/01).
- Il-Banda Cavalieri di Malta f'tas Sliema diretta mis-Surmast Ferdinand Camilleri. (CMM, 17/01).
- Il-Banda Prince of Wales fi Pjazza S. Ġorġ fil-Belt. (Malta, 04/02).
- Il-Banda Duke of Edinburgh f'idejn Mro. G. Grech fil-Pjazza l-Birgu bi programm funebri. (Malta, 17/02).
- Il-Banda Cavalieri di Malta fil-Karnival fil-Belt, u La Vincitrice Senglea diretta minn G. Portelli. (Malta, 18/02).
- Il-Banda Duke of Edinburgh immexxija mis-Surmast Gaetano Grech fl-Isla milqugħa bit-tifħir lill-Maestro Grech. (Malta, 07/03).
- Il-Banda Konti Ruġġieru diretta minn Bartoli fil-Pjazza l-Belt is-Sibt u l-Ħadd. (Malta, 23/03).
- Il-Banda S. Ġużepp tal-Ħamrun diretta mis-Surmast Doneo RMM. (Malta, 29/03).
- Iż-żewġ baned Beltin fil-festi tal-Ġublew tal-Papa Leone XXIII fejn daqqew l-Innu Papali flimkien. (Malta, 28/03 u 06/04).
- Il-Banda ta' Bormla S. Giorgio tingħata *Diploma di Benemerito* miċ-*Circolo di Partenopea* ta' l-Italja. (Portafoglio, 29/03).
- Il-Banda S. Giorgio ta' Bormla b'żewġ programmi fil-Furjana. (Malta, 14/04).
- Il-Banda Cavalieri di Malta fl-okkażjoni tal-bini tal-Knisja tan-Nazzarenu f'tas-Sliema. (Vessillo Cattolico, 13/04).
- Fil-festa ta' S. Publiju fil-Furjana, il-Banda S. Ġużepp tal-Ħamrun b'żewġ programmi. Kien hemm ukoll dik ta' S. Mikiel, ta' Bormla, l-Unione ta' Ħal-Luqa u l-Prince of Wales kif ukoll dik tal-Welsh Regt. (Malta u Pub. Op., 15/04).
- Fl-istess festa kien hemm ukoll il-Banda La Vincitrice ta' l-Isla direttta minn G. Portelli. (Malta, 06/05).
- Fil-festa ta' S. Mikiel f'Ħaż-Żabbar il-Banda S. Mikiel ta' Ant. Agius. Il-Banda S. Giorgio ta' Bormla fil-festa tal-Purità f'Bormla diretta minn C. Abela Farrugia. (Malta, 10/05).
- Il-Banda Duke of Edinburgh fil-festa tat-Trinità fl-Isla b'żewġ programmi. (Malta, 25/05).
- Il-Banda La Vallette timbarka għal Tunes bil-vapur *Ville d'Orion* għall-inawgurazzjoni tal-port t'hemm. (Pub. Op., 25/05).
- F'Bormla l-festa tal-Madonna tal-Ġilju bil-Banda S. Giorgio u l-mużika fil-Knisja kienet diretta minn Mro. P. Vassallo. (M/T, 27/05).
- Il-Banda tas-Soc. Fil. Zurrieco bi programm fil-11 ta' Ġunju diretta minn C. Zammit. (Malta, 07/06).
- Il-Baned La Vallette u Cavalieri di Malta fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù fil-Belt. (Malta, 13/06).
- Il-Banda S. Giorgio ta' Bormla fil-pjazza S. Margerita. (Malta, 16/06).
- Il-Banda L'Isle Adam iddoqq fuq is-Saqqajja diretta mis-Surmast Camilleri. (Malta, 22/06).
- Il-Banda La Vallette ddoqq fil-Barrakka ta' Fuq. Il-Banda Duke of Edinburgh iddoqq fil-Birgu diretta minn G. Grech, u l-Banda Fil. Zurrieco diretta minn C. Zammit. (Malta, 23/06).
- Il-Banda S. Mikiel fil-Pjazza Prince of Wales f'Ħaż-Żabbar u l-għada f'Wied il-Għajn. (M/T, 08/07).
- Ir-Rabtin jitħajru jagħmlu festa Nazzjonali lill-Konti Ruġġieru bis-saħħa tal-Kunsillier Mallia Tabone li pprova jġib unjoni fir-Rabat. (M/T, 22/07).
- Fil-festa ta' S. Duminku kienu l-Baned La Vallette, Prince of Wales, Cavalieri di Malta u Duke of Edinburgh li daqqew l-Innu sabiħ tas-Surmast G. Borg tal-Banda ta' Tunes. Il-festa kienet kondotta mill-Arċipriet ta' S. Pawl. (M/T, 05/08).
- Għall-festa ta' S. Lawrenz, Achille Malfeggiani żanżan mużika ġdida. (M/T, 19/08).
- Il-Banda ta' Ħal-Luqa Unione fil-festa tal-Għargħur. (Malta, 21/08).
- Fil-festa f'Ħaż-Żabbar kien hemm dawn il-baned Tal-Grazzja diretta mis-Surmast Micallef, S. Giorgio ta' Bormla mis-Surmast Abela Farrugia u La Vittoriosa mis-Surmast Micallef. (Vessillo Cattolico, 07/09).
- Miet Mro. Malfeggiani, li kien s-Surmast ta' La Stella Nazionale Vincitrice. (RML. Lib., 14/01, u Pub. Op., 21/10).
- Il-Banda S. Ġużepp ta' Ħal Tarxien iddoqq fil-Pjazza tar-Raħal il-Ġdid. (Malta Std., 17/11).
- Fil-Birgu saret Quddiesa għal ruħ is-Surmast Malfeggiani bil-mużika li kienet diretta minn ibnu Achille. (M/T, 25/11).
- Programm li ħadet sehem fih il-Banda Unione ta' Ħal-Luqa. (Malta, 08/12 u 27/11).
- Il-Banda East Surrey iddoqq diversi drabi fil-Belt, iżda fil-festa ta' S. Duminku daqqet ukoll l-Innu San Domenico ta' Micallef, u biċċa mużika ta' Dalli. (Daily M. Chronicle, 22/12).
- Il-Banda La Vilhena ddoqq fil-Furjana. (M/T, 30/12).